**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 1101/23TA**

**Natasha Parnis England**
**vs**
**Jeremy Grech et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' DNT Fiduciary Limited fil-kapacita' taghha ta' trustee tas-St. Helen Trust (Is-Socjeta' rikorrenti f'din il-procedura) tal-25 ta' Ottubru 2024.

Rat ir-risposta ta' Natasha Parnis England (l-intimata f'din il-procedura) tas-27 ta' Novembru 2024.

Rat ir-risposta ta' Jeremy Grech (l-inimtat) tal-11 ta' Novembru 2024 u dik tat-3 ta' Frar 2025.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semghet lill-abbli avukati tal-partijiet jitrattaw ir-rikors.

Rat li ir-rikors thalla' ghal-lum ghal digriet fil-miftuh.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti hasbet u qieset sewwa dwar dak li qieghed jintalab fir-rikors tas-Socjeta' rikorrenti li b'mod mill-aktar erudit spjegat ghalfejn qed taghmel it-

talba tal-lum. F'dan ir-rikors in sintezi s-Socejta' rikorrenti qed titlob li tezenta lix-xhud Nikolai de Giorgio milli jixhed peress li floku ser jixhed Michael Scicluna. Pero' is-Socjeta' rikorrenti qed titlob li l-imsemmi jixhed biss dwar is-settlements on trust li saru mid-decujus Carmel Grech u dwar xejn aktar.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-frazi "*settlements*" u wisq anqas "*of trust*" imkien ma tidher fil-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Ingliz u wisq anqas bil-Malti. Ghalhekk in mankanza ta' definizzjoni ta' din il-frazi fil-ligi, din il-Qorti ma tafx bi precizjoni ghal xiex qed taghmel referenza s-Socjeta' rikorrenti. B'dana kollu din il-Qorti xorta ser titratta l-punti li tqanqlu mill-partijiet rigward jekk it-trustee jistax ikun mahlul bil-ligi fuq *ordni ta' Qorti* dwar kwalunkwe xorta ta' mistoqsijiet li jistghu jsirulu b'referenza li jinghad li t-trustee huwa marbut bis-sigriet dwar it-trust u li ma jistax iwiegeb jekk mhux fic-cirkostanzi li telenka l-ligi, li hija Kap 331 tal-Ligijiet ta' Malta, Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali.

Jibda biex jinghad li l-Kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti tirrigwarda l-likwidazzjoni tal-porzjoni riservata fil-kamp tas-successjoni. Hi qieghda tinsisti li bil-kostituzzjoni tat-Trust St. Helen li trustee tieghu hija s-Socjeta' konvenuta, jekk ma tkunx taf ezatt x'hemm fih mhux ser tkun f'posizzjoni li tkun taf sewwa sew il-porzjoni riservata taghha. Il-Qorfti tosserva li Carmel Grech id-decujus miet fid-9 ta' Frar 2023 fil-waqt li t-Trust inkwistjoni ilha sa mill-anqas mill-25 ta' Settembru 2006 (a' fol 29 u 59). Issa bis-Sentenza Civili tal-15 ta' Gunju 2017 bin-numru progressiv ta' 276/04, din il-Kawza bdiet fis-Sena 2004 tant li l-Qorti fis-Sentenza taghha taghmel referenza ghal xhieda tal-11 ta' Lulju 2005.

Issa l-Qorti rat ukoll b'reqqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fil-qosor jeccepixxu principalment li l-Attrici ma hiex eredi allura ma ghandhiex interess u kif ukoll li l-propjeta' hija tat-trust ghalhekk ma setghetx tkun proposta l-azzjoni attrici kontra s-Socjeta' konvenuta bhala trustee.

Il-Qorti ma ghandiex hsieb tindirizza dawn l-eccezzjonijiet ghaliex sussidjarjament anke l-istess Socjeta' konvenuta tirreferi ghad-drittijiet tal-Attrici fic-cirkostanzi u sahansitra whud mill-konvenuti kollha qalu li huma ma humiex jopponu (a' fol 199 para 3 u a' fol 249 para 1).

Ghalhekk il-Qorti f'dan l-istadju kull ma ghandha taghmel hu li tezamina jekk l-Attrici ghal fini tat-talbiet odjerni ghandhiex il-possibilita' ta' interess fit-Trust inkwistjoni u r-risposta ta' din il-Qorti hija fl-affermattiv. Issa jekk il-Qorti tistax iggieghel lit-Trustee iwiegeb ghall-mistoqsijiet li l-Attrici trid tghamillu, dik hija haga ohra li ser tkun trattata hawn taht.

Jibda biex jinghad li artikolu 3(1) tal-Kap 377 jiddisponi li ghandhom dmir ta' segretezza professjonali:

*"(1) Dawk il-persuni li, minħabba fl-istat, professjoni jewkariga tagħhom, jidħlu fl-ambitu tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal, jinkludu dawn li ġejjin: membri ta' professjoni regolata mill-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, avukati, nutara, prokuraturi legali, ħaddiema soċjali, psikologi. accountants, udituri, impjegati u uffiċjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu<u>, trustees</u>, uffiċjali ta' kumpannija nominee,jew ta' nominee liċenzjata,persuni li jkollhom liċenza biex jipprovdu servizzi ta' investimenttaħt l-Att dwar Servizzi ta' Investimenti, stockbrokers li jkollhomliċenza taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, assiguraturi, aġenti tal-assigurazzjoni, managers tal-assigurazzjoni, brokers fl-assigurazzjoni u sotto-aġenti fl-assigurazzjoni, uffiċjali u impjegatital-Istat"* (emfazi tal-Qorti). U l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li jwettaq rejat kriminali kull "*Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lill-awtorità pubblika".*

Ghalhekk, ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li s-Socjeta' konvenuta tassew hija marbuta bis-sigriet professjonali qua trustee. Il-kwistjoni li titqanqal hija, jekk dan is-sigriet fir-rigward ta' trustee hemmx xi xorta ta' eccezzjoni ghalih. Fil-fehma ta' din il-Qorti t-twegiba jaghtiha artikolu 6A tal-Kap 331 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), f'każ ta' trust li tkun regolata bil-liġi ta' Malta, meta l-liġi ta' Malta jkun fiha dispożizzjonijiet dwar il-ħwejjeġ li ġejjin –*

*(i)* *il-protezzjoni ta' minuri jew persuni inkapaċi;*

*(ii)* *l-effetti personali u patrimonjali taż-żwieġ;*

(iii) *drittijiet tas-suċċessjoni, kemm minn testmentjew ab intestato, **speċjalment** il-porzjoni riżervata tal-mara u r-raġel u qraba;(iv) it-trasferiment ta' titolu għal proprjetà uinteressi ipotekarji fi proprjetà;*

(iv) *il-protezzjoni ta' kredituri fi ħwejjeġ ta'insolvenza;*

(v) *il-protezzjoni, f'aspetti oħra, ta' terzi persuni lijaġixxu in bona fide*

*li ma tkunx tista' ssir deroga minnhom b'att volontarju, dawk il-liġijiet għandhom jipprevalu fuq il-kondizzjonijiet tat-trust kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra b'dan l-Att jewf'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi applikabbli dwar trusts u ħwejjeġ relatati."* (Emfazi tal-Qorti).

Ghalhekk il-ligi stess taghmel eccezzjoni fil-kaz li jkun hemm htiega ta' komputazzjoni ghall-porzjoni riservata. Huwa interessanti li f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel emfazi partikulari ("**Specjalment**") fil-fehma tal-Qorti emfazi bhal din hija indikattiva li l-legislatur ma jridx li t-Trust jintuza biex jeludi d-dritt tal-porzjoni riservata jew li jintuzaw bhala mezz biex iccahhad lil dak li jkun minn din il-porzjoni jew li jippoveriha fil-valur. Osservazzjoni li tkompli ssahhah il-fehma tal-Qorti kemm tassew jista' jkollha interess fit-Trust.

Pero' l-Qorti tifhem ukoll is-sensittivita' u l-oggettivi tat-Trusts. Ghalhekk biex tkun kawta ssib li l-mizura li hadet il-**Qorti fil-Kawza fl-ismijiet Angelo u Josephine Spiteri et nomine -vs- Andrew u Anna Ursula konjugi Cilia et u** cioe' id-digriet tat-12 ta' Frar 2009, citat mill-istess Socjeta' rikorrenti, tilhaq bilanc bejn il-kuncett tat-Trust u dak li tghid il-ligi u kif ukoll it-terza persuna, partikularment fil-kaz imsemmi. Dakinhar dik il-Qorti ordnat lir-rapprezentant tat-Trustee, f'dan il-kaz is-Socjeta' konvenuta, jirrispondi bil-miktub fi zmien stabbilit u f'kaz li ma jkunx jista' jwiegeb jghid ghalfejn.

Di piu' il-Qorti ser ukoll tordna li dak li jwiegeb dan ix-xhud ikun salvagwardjat b'ordni simili ghal bhal dak li jiddisponi l-artikolu 38A tal-Kap 331 tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk kull informazzjoni li jaghti tkun accessibbli mill-partijiet minghajr ma jistghu jaghmlu uzu minnha jekk mhux f'dawn il-proceduri. Ghalhekk din il-Qorti ser tkun qed tordna li jkunu biss il-partijiet fil-proċedimenti, it-trustees u l-Qorti fil-proċeduri għas-sodisfazzjon tal-Qorti u l-avukati tal-partijiet li jitħallew ikollhom access ghax-xhieda ta'

dan ix-xhud partikulari jew dokumenti minnu esebiti, li ser ikunu kollha maghluqa f'envelop issigillati u jinfethu biss fis-sigrieta tal-Qorti quddiem id-Deputat Registratur taghha biex wara jergghu jigu ssigillati minghajr hadd ma huwa awtorizzat li jiehu ritratti taghhom.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-25 ta' Ottubru 2024 tas-Socjeta' rikorrenti, billi tichdu inkwantu kif postulata t-talba, izda fl-istess hin din il-Qorti ser tkun qed tordna lir-rapprezentant tat-Trustee, f'dan il-kaz is-Socjeta' konvenuta, jirrispondi bil-miktub fi zmien utli ta' ghoxrin (20) gurnata minn meta jircievi t-tahrika bid-domandi miktubin u f'kaz li ma jkunx jista' jwiegeb, jghid ghalfejn billi jaghti ragunijiet cari u mhux vagi.

Di pju tordna, li jkunu biss il-partijiet f'dawn il-proċedimenti, it-trustee u l-avukati tal-partijiet li jkollhom access ghax-xhieda ta' dan ix-xhud partikulari jew dokumenti minnu esbiti, li ser ikunu kollha maghluqa f'envelop issigillati u jinfethu biss fis-sigrieta tal-Imhallef sedenti quddiem id-Deputat Registratur taghha, biex wara jergghu jigu ssigillati minghajr hadd ma huwa awtorizzat li jiehu ritratti taghhom. Il-Qorti ghandu jkollha access ghalihom izda ghandhom dejjem jibqghu ssigillati.

Spejjes riservati ghal mal-gudizzju finali.

Illum, 18 ta' Frar 2025

**Onor. Imhallef Toni Abela LL.D.**